# 25 ta' Mejju, 1956

## Imħallfin:

## Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;* Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D. Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Vincenzo Apap *versus* Costantino Micallef

## Arbitraġġ — Impunjazzjoni — Dokumenti — Prova — Appell — Art. 229 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili

*Skond il-liġi, jekk diversi kwistjonijiet f'kawża jiġu maqtugħa b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull waħda minn dawn is-sentenzi 'fiż-żmien li jmiss, li jibda jgħaddi minn dak inhar li tingħata l-aħħar sentenza; basta li f'dan l-appell issir tismija espressa tas-sentenza li minnha jsir l-appell; jew jista' jsir appell għalieħ waħdu minn kull sentenza separatament. Għaldaqstant, l-appellant hu in perfetta regola jekk, wara li ngħatat l-aħħar sentenza fil-kawża, huwa jkun appella minn sentenza mogħtija qabel fl-istess kawża, jekk fin-nota tal-appell tiegħu huwa jkun semma espressament dik is-sentenza ta' qabel.*

*Il-ġudizzju ta' arbitru magħżul mill-partijiet ma jistgħax jiġi attakkat fuq supposta imperizja tal-arbitru; għax meta huma għażlu preventivament li joqgħodu għall-ġudizzju ta' dak l-arbitru, huma preventivament ikkunsidraw dak il-ġudizzju bħala insindakabbli, u b'hekk aċċettaw il-grad ta' kapaċità u effiċjenza tal-arbitru. Kwindi dak il-ġudizzju ma jistax jiġi mpunjat ħlief għal raġunijiet li għalihom jista' jiġi annullat kuntratt jew lodo ta' arbitru.*

*Mhix ammissibbli l-produzzjoni ta' dokument kontenenti l-ġudizzju privat ta' terza persuna fuq l-opra li kellha tiġi approvata jew diżapprovata mill-arbitru. Kieku l-Qorti kellha bżonn, għall-finijiet tal-prova, tal-ġudizzju ta' terzi persui, il-proċedura kienet tkun dik li tisma dawk in-nies bħala xhieda regolari taħt il-ġurament. Dokument hekk prodott, għalhekk, ma għandu ebda rilevanza ġuridika, għax bħala prova għall-finijiet tal-kawża ma jiswa xejn.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attur, wara li ppremetta li l-konvenut ordnalu jagħmillu mudell ta' San Pawl bħala pariġġ ta' San Ġwann li diġà kien hemm fuż fil-bronż, li ma jkunx dak li l-Ġunta *Djoċeżana għat-tutela tal-ħwejjeġ antiki ekkleżjastiċi* diġà tat il-parir tagħha fuqu, u bil-kondizzjonijiet l-oħra ndikati fl-iskrittura tas-7 ta' Novembru 1951; wara li dina l-Ġunta tat bil-miktub il-ġudizzju tagħha, u wara li fl-10 ta' Diċembru 1951 l-attur, skond il-konvenju, ikkonsenja lill-brunżar dan il-mudell ta' San Pawl biex jiġi fuq il-bronż, u jkun *eżegwixxa l-ordni lilu magħmul*; u billi, skond l-istess skrittura, il-konvenut obliga ruħu li jħallas lill-attur is-somma ta' £125 bħala prezz taż-żewġ mudelli— dan ta' San Pawl u dak ta' San Ġwann — meta din l-istatwa ta' San Pawl tiġi konsenjata lill-brunżar; talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallsu s-somma ta' £125 bħala prezz *taż-żewġ statwi jew mudelli* fuq indikati; bl-imgħax legali u bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li wieġeb illi l-mudell mhux konformi għall-ordinazzjoni, u b'mod speċjali għad-disinn approvat mill-Awtorità Ekkleżjastika; li l-kuntratt ma ġiex eżegwit in bwona fede, billi l-mudell kellu jkun ġdid, u qatt dak li l-attur kien għamel tal-istukko u li hu rtira minħabba li ġie diżapprovat mill-esponent, u ssostitwieħ b'ieħor li mbagħad ma ġiex approvat mill-Ġunta Djoċeżana; u li l-approvazzjoni ta' dik il-Ġunta, jekk qatt saret kif kellha ssir, ma torbotx lill-esponent, għaliex il-ġudizzju tagħha hu r-riżultat jew ta' żball, jew ta' qerq, jew ta' kawża oħra suffiċjenti għar-rexissjoni ta' kuntratt, peress li ma hux preżumibbli li dik il-Ġunta kienet normalment tagħti dak il-ġudizzju, quddiem id-difetti serji u gravi li jinsabu fil-mudell in kwistjoni, kif l-esponent kien pront biex jipprova; konsegwentement taqa' l-insindakabbilità pretiża mill-attur;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 *ta' Ottubru, 1952, li biha dik il-Qorti ordnat l-isfilz ta' dokument* mill-proċess, u ddikjarat li l-konvenut ma jistgħax jimpunja l-ġudizzju tal-Ġunta Djoċeżana bħala tali, jiġi-

fieri fuq il-bażi ta' sempliċi inkompetenza, imperizja jew negliġenza ta' dik il-Ġunta, meta ma rriskontratx id-difetti talvolta eżistenti fl-istatwa ta' San Pawl, imma huwa jista' jimpunja, anki b'eċċezzjoni, dak il-ġudizzju tal-Ġunta Djoċeżana fuq il-bażi li dak il-ġudizzju ġie minnha minħabba f'qerq derivanti mill-fatt ta' l-attur; bl-ispejjeż tal-inċident żewġ terzi għall-konvenut u terz għall-attur; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi fil-proċess ta' dil-kawża, mid-dokumenti f'dan il-proċess, u mid-dibattitu orali, jirriżulta illi l-fatti li taw lok għal dina l-kawża huma suċċintament dawn li sejrin jissemmew. Fis-sena 1949 il-konvenut ġieh il-ħsieb li jiddona żewġ statwi tal-bronż, rappreżentanti waħda lil San Ġwann Evanġelista u l-oħra lil San Pawl, lill-Knisja Insinji Kolleġġjata Arċimatriċi ta' Birkirkara, biex jitqegħdu fuq il-presbiterju f'dik il-knisja u hemm iservu fil-quddies kantat, minflok leġiji mobili, għall-qari ta' l-Epistola u tal-Vanġelu;

F'Ottubru ta' dik is-sena, il-konvenut ftiehem mal-attur biex jagħmillu dawk iż-żewġ statwi. Il-ftehim sar taħt ċerti kondizzjonijiet, fosthom dawk illi ż-żewġ statwi kellhom isiru fuq bozzetti appożiti approvati mill-Ġunta Djoċeżana għat-tutela tal-ħwejjeġ antiki ekkleżjastiċi — bozzetti li l-konvenut ħa u ta lill-attur biex dan jaħdem fuqhom, u illi l-istess żewġ statwi jew mudelli kellhom jiġu wkoll approvati minn dik il-Ġunta. L-attur kellu biss jagħmel dawk l-istatwi fit-tafal, u wara l-approvazzjoni tagħhom mill-Ġunta fuq imsemmija, kif ġa ntqal, jiffurmahom fil-ġibs. Il-fużjoni fil-bronż tal-istatwi ma kellhiex issir minnu;

Ġara illi dik il-Ġunta ma approvatx għal kollox ix-xogħol tal-attur, billi, waqt li approvat l-istatwa ta' San Ġwann Evanġelista maħduma minnu, ma approvatx dik ta' San Pawl; u għalhekk il-konvenut irrifjuta li jirċievi dawk iż-żewġ statwi;

B'ċitazzjoni nru. 822/1950 quddiem din il-Qorti, l-attur azzjona lill-konvenut biex dan iħallsu tax-xogħol f'dawk iż-żewġ statwi; iżda, b'sentenza tat-8 ta' Ottubru 1951, it-

talba ta' l-attur ġiet respinta. In segwitu għal dik id-deċiżjoni, u wara korrispondenza li għaddiet bejn il-kontendenti, personalment jew permezz tal-konsulenti legali tagħhom, bejn is-26 ta' Ottubru u l-5 ta' Novembru 1951, il-kontendenti ġew fi ftehim bejniethom skond l-iskrittura tas-7 ta' Novembru 1951 (fol. 12), jiġifieri ċerti kondizzjonijiet li jistgħu jiġu rijassunti f'dawn: —

1. L-attur kellu jissottometti lill-imsemmija Ġunta, għall-approvazzjoni tagħha, mudell ta' San Pawl, li ma kellux ikun dak li fuqu l-Ġunta diġà tat il-parir tagħha, u dan bħala pariġġ tal-mudell ta' San Ġwann, li ġa ġie fuq il-bronż, u tal-istess daqs tiegħu, biex jiġi fuż fil-bronż; u dan f'ċertu żmien;

2. Il-Ġunta fuq imsemmija kellha tagħti l-ġudizzju tagħha bil-miktub; liema ġudizzju kellu jkun insindakabbli;

3. F'ċertu żmien minn meta l-Ġunta tkun tat dak il-ġudizzju ta' approvazzjoni, li kellu jkun kommunikat lill-attur immedjatament, dan kellu jikkonsenja l-mudell lill-brunżar għal fużjoni fil-bronż;

4. Meta jkun ikkonsenja l-istatwa lill-brunżar, l-attur kellu jiġi kunsidrat li jkun eżegwixxa l-ordni lilu magħmula, u għalhekk il-konvenut kellu jħallsu l-prezz miftiehem taż-żewġ mudelli—dak ta' San Ġwann, li ġa kien approvat mill-Ġunta, u fuż fil-bronż, u l-ieħor ta' San Pawl; jew £125;

5. U l-attur żamm id-dritt li jirtokka x-xama' qabel il-fużjoni fil-bronż, u li ħadd ħliefu ma kellu jirtokka x-xama';

Illi l-attur qiegħed jitlob illi l-konvenut iħallsu l-prezz ta' dawk iż-żewġ mudelli, billi jippretendi illi ġew ottemperati, għal dak li jirrigwarda lilu, il-kondizzjonijiet miftehema f'dik l-iskrittura; għaliex huwa ssottometta lill-Ġunta, għall-approvazzjoni tagħha, il-mudell ta' San Ġwann fiż-żmien stabbilit, il-Ġunta approvat dak il-mudell b'ġudizzju li ġie mogħti bil-miktub, u li hu insindakabbli, huwa kkonsenja wkoll dak il-mudell lill-brunżar, biex jiġi fuż fil-bronż, fiż-żmien miftiehem, u għalhekk hu għandu jiġi

kunsidrat li eżegwixxa l-ordni magħmula lilu mill-konvenut. Prinċipalment l-attur jibbaża t-talba fuq iċ-ċirkustanza illi l-Ġunta Djoċeżana approvat l-imsemmi mudell ta' San Pawl, u l-ġudizzju ta' dik il-Ġunta, skond il-ftehim bejnu u l-konvenut, kellu jkun insindakabbli;

*Illi l-konvenut jopponi t-talba tal-attur għal diversi*
raġunijiet, fosthom dik illi, kif jallega, l-approvazzjoni tal-Ġunta Djoċeżana ma torbtux, għaliex il-ġudizzju tagħha hu r-riżultat jew ta' żball, jew ta' qerq, jew ta' kawża oħra suffiċjenti għar-rexissjoni ta' kuntratt, billi l-imsemmija statwa fiha difetti serji u gravi. Fi kliem ieħor, il-konvenut jopponi *l-insindakabbilità tal-ġudizzju* espress minn dik il-Ġunta u pretiża mill-attur;

Illi f'dan ir-rigward il-konvenut, biex isostni l-allegazzjoni tiegħu dwar id-difetti li fiha l-istatwa ta' San Pawl, ipproduċa d-dokument fil-fol. 28 tal-proċess, jiġifieri dikjarazzjoni tal-Prof. Francesco Sciortino. L-attur jissottometti li dan id-dokument mhuwiex produċibbli u għandu jiġi sfilzat, u jekk il-konvenut jippretendi illi l-ġudizzju tal-Ġunta huwa affett mil-vizzji allegati minnu, huwa għandu jimpunjaħ b'azzjoni oħra. Il-konvenut jirrileva li dak id-dokument ġie minnu prodott biex isostni t-tielet eċċezzjoni tiegħu, dik, jiġifieri, li l-ġudizzju tal-Ġunta kien żbaljat, għaliex mhuwiex preżumibbli li l-Ġunta kellha tgħaddi opra bid-difetti elenkati f'dak id-dokument, li ġie prodott ukoll biex juri dawk id-difetti. Jirrileva wkoll li huwa jista' jattakka l-ġudizzju tal-Ġunta, li huwa jallega li kien affett minn vizzju, u dan in vija ta' eċċezzjoni;

Illi jidher illi dina l-kwistjoni, li tinvolvi t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut, għandha tiġi deċiża fl-ewwel lok;

Ikkunsidrat, dwar din il-kwistjoni;

Illi ma hemmx konflitt bejn il-partijiet, għaliex jirriżulta b'mod ċar mid-dokument fil-fol. 14 tal-proċess, illi l-Ġunta Djoċeżana fuq imsemmija approvat il-mudell ġdid ta' San Pawl magħmul mill-attur. Skond it-tieni kondizzjoni tal-ftehim, magħmul bejn *il-kontendenti* bl-iskrittura tas-7 ta' Novembru 1951 (fol. 12), il-ġudizzju ta' dik il-Ġunta, konsistenti f'approvazzjoni jew diżapprovazzjoni, kellu jkun

insindakabbli. Għalhekk l-attur jippretendi illi l-konvenut ma jistax jattakka dak il-ġudizzju. Imma l-konvenut jallega li, skond dak id-dokument, il-mudell ta' San Pawl fih difetti gravi u serji, u għalhekk il-ġudizzju fuq imsemmi huwa sindakabbli, għaliex biex waslet fih, minħabba dawk id-difetti, il-Ġunta Djoċeżana bilfors (1) jew għamlet eżami superfiċjalissimu, u allura kien hemm in-negliġenza jew imperizja, (2) jew kienet indotta minn qerq da parti tal-attur, jew min xi raġuni oħra suffiċjenti għar-rexissjoni tal-kuntratti;

Illi l-bażi tal-allegazzjoni tal-konvenut dwar l-ewwel lament tiegħu, jiġifieri tal-inkompetenza tal-Ġunta Djoċeżana, li ma għarfetx tirriskontra d-difetti manifestament gravi u serji fil-mudell ta' San Pawl, u kwindi tal-inġustizzja manifesta ta' dak il-ġudizzju, tirpoża fuq id-dokument fil-fol. 28 tal-proċess. L-attur jitlob li dan id-dokument jiġi sfilzat, u jirrileva li, jekk il-konvenut jippretendi illi l-ġudizzju tal-Ġunta huwa affett mill-vizzji pretiżi mill-konvenut, dan għandu jimpunja dak il-ġudizzju permezz ta' azzjoni. Il-konvenut jopponi ruħu għall-isfilz ta' dak id-dokument, billi jissottometti illi huwa pproduċieh biex isostni l-allegazzjoni tiegħu fuq imsemmija, jiġifieri biex jipprova u juri, anki "prima facie", li hemm lok ta' nomina ta' periti biex jirrelataw jekk il-ġudizzju tal-Ġunta Djoċeżana kienx korrett jew le, u li dan jista' jagħmlu b'eċċezzjoni;

Illi prova bħal din li jrid jagħmel il-konvenut, apparti l-konsiderazzjoni jekk għall-finijiet ta' dil-kwistjoni tistax f'dan il-każ issir, kif sejjer jingħad il-quddiem, ma tistax tingħamel permezz ta' dokument, speċjalment meta l-persuna li għamlet u kitbet l-istess dokument tista' tixhed; u dan għaliex prova simili permezz ta' dokument f'dawn iċ-ċirkustanzi ma tissodisfax l-eżiġenzi tal-liġi; billi hija liġi pożittiva (art. 576(1) Kod. Proċ. Ċiv.) illi l-prova, fejn u sakemm hu possibbli, u salvi l-każi speċjalment kontemplati espressament mill-liġi, għandha ssir fl-udjenza u "viva voce". Lanqas ma hija permessa l-prova b'affidavit, meta l-persuna li tkun għamlitu tista' tinstama' bħala xhud bil-mezzi ordinarji stabbiliti mill-liġi (XXIX-I-859); bħalma

lanqas ma jista' xhud jixhed b'riferenza għall-kontenut ta' nota miktuba u preventivament preparata (XXX-I-1021). Għalhekk, id-dokument fuq imsemmi, anki għal din ir-raġuni biss, ma jiswiex bħala prova jew prinċipju ta' prova, u għandu jiġi sfilzat, għaliex mhux produċibbli għall-iskop tal-prova li l-konvenut irid jagħmel biħ;

Illi dak id-dokument għandu jiġi wkoll sfilzat għarraġuni illi l-konvenut ma jistax f'dan il-każ jissindaka l-ġudizzju tal-Ġunta Djoċeżana fuq il-motiv tal-ewwel lament tiegħu fuq imsemmi, jiġifieri tas-sempliċi inkompetenza, imperizja jew negliġenza, talvolta, ta' dik il-Ġunta. Infatti, in sostenn tal-pretensjoni tiegħu l-konvenut għamel riferenza għal żewġ deċiżjonijiet mogħtija mill-Qrati Tagħna, u li huma bażati fuq id-dispożizzjonijiet tal-art. 1403 (2) tal-Kodiċi Ċivili; u jidher għalhekk li huwa jinvoka dik id-dispożizzjoni tal-liġi bħala bażi tal-pretensjoni tiegħu;

Dina d-dispożizzjoni tirriferixxi għall-każ meta l-kontraenti jirrimettu ruħhom f'ċerti każi f'idejn persuna oħra — bla ma jingħad jekk dik il-persuna għandhiex tkun fiżika jew morali — biex taqta' hija l-pendenza ta' bejniethom; u skond il-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna u dik estera, kif ukoll id-dottrina, il-kontraenti għandhom joqogħdu għallġudizzju ta' dik il-persuna, kemm il-darba da parti tagħha ma jkunx sar xi qerq, negliġenza, jew żball sostanzjali gravi, li jġibu għall-inikwità manifesta f'dak il-ġudizzju (XXXI-I-55). Issa, jidher ċar mid-deċiżjoni issa msemmija, u mid-deċiżjonijiet u awtorità fiha enunċjati, illi dina d-dispożizzjoni tirriferixxi, għandha forza, u tista' tiġi applikata, biss fil-każ ta' kuntratt ta' bejgħ, jew aħjar għar-regoli stabbiliti fil-kuntratt ta' bejgħ, jiġifieri fit-Titolu VI tal-Kodiċi Ċivili, u bħala tali ma testendix, u ma tistax tiġi estiża, minbarra għall-kuntratt ta' tpartit (art. 1575 Kod. Ċiv.), għal kuntrattazzjonijiet oħra; u konsegwentement lanqas għall-kuntrattazzjoni magħmula bil-ftehim tal-kontendenti bl-skrittura fuq imsemmija;

Għalhekk, ukoll jekk kieku l-kontendenti ma semmewx f'dik l-iskrittura li l-ġudizzju tal-Ġunta Djoċeżana kellu jkun insindakabbli, fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni es-

pressa għal dan l-iskop ħadd minnhom ma kien ikun jista' jissindaka dak il-ġudizzju għar-raġunijiet ta' supposta mera imperizja, negliġenza jew inkompetenza tal-Ġunta; wisq iżjed il-konvenut ma jistax jissindaka dak il-ġudizzju għal raġuni ta' supposta mera inkompetenza jew imperizja tal-istess Ġunta, meta huwa stess obliga ruħu b'dik l-iskrittura li kellu josserva l-ġudizzju tal-Ġunta bħala indindakabbli;

Għalhekk ma hemmx lok għan-nomina ta' periti għall-iskop fuq imsemmi sottomess mill-konvenut;

Illi t-tieni lament tal-konvenut, li minħabba fih huwa jallega illi jista' jattakka l-ġudizzju tal-Ġunta Djoċeżana, jidher illi jikkonsisti fil-fatt, kif huwa *jallega, illi dak* l-ġudizzju kien l-effett ta' qerq, jew ta' żball, jew imperizja jew negliġenza minħabba f'qerq minn naħa tal-attur, jew għal xi raġuni oħra — li ma ġietx imsemmija — *li hija suf*fiċjenti għar-rexissjoni ta' kuntratt;

F'dan ir-rigward, jingħad illi l-konvenut jista' jissindaka l-ġudizzju tal-Ġunta Djoċeżana fuq il-motiv ta' dan it-tieni lament tiegħu, appuntu kif tista' tiġi sindakata, u eventwalment imħassra jew annullata, deċiżjoni tal-arbitri għal kull raġuni li għaliha, skond il-liġi, jista' jiġi mħassar jew annullat kuntratt (art. 985 (1) Kod. Ċiv.). Dina l-aħħar allegazzjoni tal-konvenut timporta illi l-ġudizzju tal-Ġunta Djoċeżana ġie meħud minnha b'qerq jew b'għemil doluż, u kwindi li dak il-ġudizzju huwa null, u mhux sempliċement annullabbli. Bħala null, dak il-ġudizzju għandu jiġi kunsidrat, fil-każ, li ma eżista qatt, u mhux li għadu u jibqa' jeżisti sakemm ma jiġix imħassar. Issa, hija ġurisprudenza kostanti illi, meta l-kwistjoni tkun ta' nullità, il-konvenut f'kawża jista' jagħtiha b'eċċezzjoni, u jekk tkun biss waħda ta' annullabbilità, tkun trid tinġieb il-quddiem b'azzjoni "ad hoc" (XXXI-I 452). Konsegwentement jista' jissolleva l-allegazzjoni tiegħu, kif ġiet limitata, permezz ta' eċċezzjoni;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Ottubru 1954, li biha dik il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenut, barra dawk ġa deċiżi qabel; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal dina l-kawża jinsabu miġjuba fis-sentenza parzjali fuq imsemmija tat-13 ta' Ottubru 1952, u ma hemmx bżonn li jiġu ripetuti. Il-kwistjoni prinċipali ta' din il-kawża hi dik jekk l-attur uniformax ruħu mal-kondizzjonijiet tal-iskrittura tas-7 ta' Novembru 1951 (fol. 12), magħmula bejnu u l-konvenut; għaliex dawk il-kondizzjonijiet issostitwew kwalunkwe kondizzjoni oħra ta' ftehim li kienet saret qabel bejniethom, billi kollox kien spiċċa wara s-sentenza tat-8 ta' Ottubru 1951. Fit-termini tal-eċċezzjonijiet tiegħu, il-konvenut jallega illi l-attur ma uniformax ruħu ma' dawk il-kondizzjonijiet, billi jissottometti (1) illi l-mudell mhux konformi għall-ordinazzjoni, speċjalment għad-disinn approvat mill-Awtorità Ekkleżjastika, u (2) illi l-mudell kellu jkun wieħed ġdid, u qatt dak ta' l-istukko li l-attur kien għamel qabel. Barra dawn l-eċċezzjonijiet, il-konvenut jallega wkoll illi l-approvazzjoni tal-Ġunta Djoċeżana ma torbtux, għaliex il-ġudizzju tagħha hu r-riżultat ta' żball jew ta' qerq, jew ta' kawża oħra sufficjenti għar-rexissjoni ta' kuntratt, u għalhekk jopponi l-insindakabbilità tal ġudizzju espress minn dik il-Ġunta;

Illi, dwar din l-aħħar eċċezzjoni, skond it-tieni kondizzjoni tal-imsemmija skrittura, il-parir tal-Ġunta Djoċeżana kellu jkun insindakabbli. Dik il-Ġunta approvat il-mudell ta' San Pawl (fol. 14), u għalhekk il-konvenut ma jistax jissindaka dik l-approvazzjoni. Skond is-sentenza tat-13 ta' Ottubru 1952, lill-konvenut ġiet mogħtija l-fakoltà li jimpunja l-ġudizzju ta' dik il-Ġunta fuq il-bażi, minnu pretiża, li dak il-ġudizzju ġie minnha mogħti b'qerq jew bi żball, b'negliġenza jew b'imperizja minħabba f'qerq derivanti mill-fatt tal-attur; imma l-konvenut din il-prova ma għamilhiex. Għalhekk din l-eċċezzjoni għandha tiġi respinta;

Illi, dwar l-ewwel eċċezzjoni, skond l-ewwel kondizzjoni tal-istess skrittura l-attur kellu sempliċement jagħmel mudell ta' San Pawl, pariġġ għal dak ta' San Ġwann li huwa kien għamel, u li ġa kien ġie fuq il-bronż, tal-istess daqs tiegħu, u jissottomettieh lill-Ġunta Djoċeżana għall-approvazzjoni tagħha. L-attur għamel dak il-mudell, issottomettieh lill-Ġunta, li wara li eżaminatu f'żewġ okkaż-

jonijiet, u kkonfrontatu *ma' dak ta' San Ġwann, approvatu* (fol. 14). Il-konvenut jallega illi l-mudell ta' San Pawl fih xi disa' pulzieri differenza fiċ-ċirkonferenza tas-sider minn dak ta' San Ġwann. Imma, kif fisser fix-xhieda tiegħu Vincenzo Bonello, wieħed mill-membri tal-Ġunta msemmija, anki jekk inhi kif jgħid il-konvenut, billi ħaġa pariġġ ma tfisserx replika. *Hu veru illi fil-bidu kien hemm disinn li* fuqu l-attur kellu jagħmel il-mudell ta' San Pawl; imma, apparti illi dak il-ftehim spiċċa bil-ftehim sussegwenti tas-7 ta' Novembru 1951, kif fisser ukoll l-imsemmi xhud Vincenzo Bonello, għal dak li jirrigwarda l-Ġunta, l-iskop taddisinn hu dejjem inutili, meta tkun trid issir ħaġa skolpita li tħares lejha *minn kull faċċata, u mhux minn faċċata* waħda biss, u għax-xogħol ta' skultura wieħed irid jippreżenta mudell, u mhux disinn, għaliex l-artist skultur ma jistax jirriproduċi disinn; u għal dak li l-artist jiggrandixxi, wieħed għandu jħares lejn ir-riżultat finali tiegħu, biex jara jekk jissodisfax jew le lill-Ġunta. Kif ingħad, il-Ġunta Djoċeżana *approvat* dak *il-mudell ta' San Pawl* bħala pariġġ għal dak ta' San Ġwann; u għalhekk lanqas din l-eċċezzjoni ma tista' tiġi milqugħa;

Illi, dwar it-tieni eċċezzjoni, skond l-iskrittura msemmija, il-mudell ta' San Pawl li l-attur kellu jissottometti lill-Ġunta ma kellux ikun dak li fuqu l-Ġunta ġa tat il-parir tagħha. Dwar din il-kondizzjoni għandu *jingħad illi l-attur* kien għamel żewġ mudelli ta' San Pawl; l-ewwel wieħed huwa kien bdieħ ta' li "stucco", u rtirah qabel ma kien ġie b'xi mod muri jew eżaminat minn dik il-Ġunta, l-għaliex il-konvenut kien oġġezzjona ruħu għalieh fil-mod kif kien allura magħmul; l-attur kien allura għadda għat-tieni mudell, li ma kienx ġie approvat *mill-imsemmija Ġunta*. Fil-fatt, il-mudell ta' San Pawl li l-attur issottometta lill-Ġunta hu appuntu dak l-istess wieħed li huwa kien għamel, u li, kif kien magħmul, ma kienx għoġob lill-konvenut u li ma kienx ġie qatt eżaminat mill-Ġunta. Dan l-attur seta' jagħmlu; għaliex fit-termini tal-imsemmija skrittura *huwa kellu jissottometti lill-Ġunta mudell ta' San Pawl* li fuqu dik il-Ġunta ma kienetx tat qabel il-parir tagħha. Il-

konvenut jallega illi l-mudell kellu jkun wieħed ġdid. Dan mhux eżatt. Ebda kondizzjoni ma teżisti f'dan is-sens f'dik l-iskrittura; jidher illi l-intenzjoni tal-konvenut kienet biss li l-attur ma jissottomettix lill-Ġunta t-tieni mudell ta' San Pawl, ġa diżapprovat minnha, wara li jkun ikkoreġa d-difetti riskontrati fih, u mhux ukoll illi ma jissottomettix lill-Ġunta l-ewwel mudell;

Il-konvenut jibbaża l-allegazzjoni tiegħu fuq il-fatt illi fil-5 ta' Novembru 1951 huwa kiteb lill-attur u għarrfu illi huwa kellu jagħmillu dak il-mudell "mill-ġdid". Apparti illi l-kliem "mill-ġdid" ma jimpurtawx bilfors illi l-attur kellu jagħmel mudell ġdid għal kollox, jirriżulta illi din il-kondizzjoni, jekk tista' tissejjaħ hekk fiċ-ċirkustanzi, ma ssemmiet qatt fil-korrispondenza li għaddiet qabel bejn il-kontendenti permezz tad-difensuri tagħhom; u l-konsulent legali tal-konvenut ma kienx jaf biha; tant illi, kif xehed il-konvenut stess, meta mar għand il-konsulent legali tiegħu bl-ittra uffiċjali tal-attur tal-11 ta' Diċembru, 1951, li biha nterpellaħ biex iħallsu (fol. 16), dana qallu li ma kellux jagħmel ħaġ'oħra ħlief iħallas lill-attur. U hawnhekk għandu jingħad illi wara s-sentenza tat-8 ta' Ottubru 1951, il-kontendenti bdew u komplew sa l aħħar trattattivi għall-ftehim ġdid bejniethom permezz ta' ittri li ntbagħtu kollha, barra minn dik tal-5 ta' Novembru 1951 minn naħa tal-konvenut, permezz tal-konsulent legali tagħhom. Hekk, fid-29 ta' Ottubru 1951, il-konsulent legali tal-attur bagħat lill-konsulent legali tal-konvenut skrittura kontenenti kondizzjonijiet ġodda ta' akkomodament bejn il-kontendenti, fosthom dik li l-mudell ta' San Pawl, li kellu jagħmel l-attur, ma kellux ikun dak li fuqu l-Ġunta ġa tat il-parir tagħha. Fit-30 ta' dak ix-xahar il-konsulent legali tal-konvenut bagħat lill-konsulent legali tal-attur dik l-iskrittura b'xi modifiki, imma dik il-kondizzjoni ma ġietx modifikata. Fit-2 ta' Novembru 1951 il-konsulent legali tal-attur aċċetta l-modifiki msemmijin, barra r-riżerva li kienet ġiet aġġunta, bagħat dik l-iskrittura lill-konsulent legali tal-konvenut, u talbu biex ibiddel id-data tagħha u biex jgħid lill-konvenut ħalli jffirmaha huwa wkoll. Fil-5 ta' l-istess

xahar, il-konvenut, mingħajr ma għarraf lill-konsulent legali tiegħu, bagħat lill-attur l-ittra ġa msemmija, li biha wissieħ biex jibgħat jgħidlu u jassikurah, bil-miktub, illi l-istatwa kien sejjer jagħmilha mill-ġdid u li x-xogħol tagħha kien sejjer jibdieh għeluq ix-xahar mis-sentenza, jiġifieri mit-8 ta' Ottubru 1951. L-għada stess, 6 ta' Novembru 1951, il-konsulent legali tal-attur, b'inkarigu ta' dana, irrisponda għal dik l-ittra, u fissirlu illi l-mudell li l-attur kellu jissottometti lill-Ġunta Djoċeżana kien differenti minn dak li l-Ġunta ġa tat il-ġudizzju tagħha fuqu, u illi l-attur kien ilu jaħdem fuqu mill-20 ta' Ottubru. Wara dan kollu, il-konvenut fis-7 ta' Novembru 1951 iffirma l-imsemmija skrittura (fol. 12), li l-konsulent legali tiegħu bagħat debitament lill-konsulent legali tal-attur;

Minn hekk jiġi illi l-konvenut, fis-7 ta' Novembru 1951, meta ffirma dik l-iskrittura, irrinunzja għal kull kondizzjoni oħra li huwa qatt seta' għamel, u li ma kienetx tissemma f'dik l-iskrittura, fosthom dik li l-mudell kellu jkun ġdid, jekk dawn il-kliem jumpurtaw dan it-tifsir, u akkweta ruħu, jekk qatt qabel huwa kien ipprotesta ruħu għalihom, għall-kondizzjonijiet kontenuti fl-istess skrittura minnu firmata. Dan apparti, l-ittra tas-6 ta' Novembru 1951 kienet turi biżżejjed illi l-mudell li fuqu l-attur kien qiegħed jaħdem ma kienx ġdid għal kollox, u l-konvenut ma kellux raġjonevolment jaħseb illi l-attur kien sejjer jibda mudell ġdid sewwa sew tnax il-ġurnata wara d-definizzjoni tal-ewwel kawża, meta ma kien hemm ebda ħsieb ta' ftehim definittiv mal-konvenut. Ukoll, dak il-mudell ta' San Pawl kien ġie diżapprovat mill-konvenut għaliex fil-Ġunta kien hemm Vincenzo Bonello (fol. 98), u mhux għal xi raġuni oħra. Din ma kienetx raġuni biżżejjed biex il-konvenut ma jaċċettax dak il-mudell. Il-kondizzjoni għall-aċċettazzjoni tal-mudell kienet każwali, jiġifieri l-obligazzjoni assunta mill-kontendenti kienet tiddependi biss mill-approvazzjoni tal-Ġunta Djoċeżana; u dan hu evidenti, għaliex altrimenti l-konvenut kien ikun jista', anki kapriċċjożament u kull meta jidhirlu, jgħid illi l-mudell ma jogħġbux. L-attur immodifika dak il-mudell wara d-diżapprovazzjoni tal-konvenut, u l-

Ġunta msemmija approvatu. U kif xehed Vincenzo Bonello, fuq domanda tal-Qorti, għall-Ġunta anki mudell li jkun ġie diżapprovat minnha, jekk wara jsirulu modifiki, jista' jiġi approvat, u ma hemmx bżonn illi jsir mudell ġdid;

Għalhekk din l-eċċezzjoni lanqas ma treġi;

Illi mill-provi u mill-atti tal-kawża jirriżulta illi l-attur uniforma ruħu għall-kondizzjonijiet kollha tal-iskrittura 'l fuq imsemmija, in kwantu jirrigwardaw lilu, u għalhekk it-talba tiegħu miġjuba fl-att taċ-ċitazzjoni tirriżulta ġustifikata;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut ........;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut appellant, li talab li s-sentenza fuq imsemmija tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Ottubru 1952, tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn ordnat illi jiġi sfilzat id-dokument li kien fil-fol. 28 tal-proċess, u fejn iddikjarat li l-appellant ma jistax jimpunja l-ġudizzju tal-Ġunta Djoċeżana bħala tali, jiġifieri fuq il-bażi ta' sempliċi inkompetenza, imperizja u negliġenza ta' dik il-Ġunta, meta ma rriskontratx id-difetti talvolta eżistenti fl-istess statwa ta' San Pawl, u fejn l-istess appellant ġie kkundannat iħallas żewġ terzi tal-ispejjeż, u billi jiġi deċiż li d-dokument li ġie sfilzat għandu jifforma parti mill-provi tal-proċess, u billi l-appellant jiġi ammess jimpunja l-ġudizzju tal-Ġunta Djoċeżana għar-raġunijiet li minnhom ġie prekluż u għal raġunijiet oħra, u li ż-żewġ terzi tal-ispejjeż tal-inċident deċiż jiġu wkoll akkollati lill-attur; u talab ukoll li s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Ottubru, 1954, tiġi revokata, billi jiġi deċiż għaċ-ċaħda tat-talba tal-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-attur appellat, li biha dan eċċepixxa illi s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla fit-13 ta' Ottubru, 1952, għaddiet in ġudikat, u ma tistax issa tiġi appellata;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni mqajma mill-attur kontra l-appell interpost mill-konvenut appellant mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Ottubru, 1952;

Illi dik l-eċċezzjoni ma għandha ebda fondament, għax il-konvenut appellant għamel, kif kellu d-dritt jagħmel, l-appell wara s-sentenza definittiva tal-kawża li biha ġie deċiż il-meritu. U tabilħaqq, l-art 229(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jgħid espressament: "Jekk diversi kwistjonijiet f'kawża jiġu maqtugħa b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull waħda minn dawn is-sentenzi fiż-żmien li jmiss, li jibda jgħaddi minn dak inhar li tingħata l-aħħar sentenza, basta li f'dan l-appell issir tismija espressa tas-sentenza li minnha jsir l-appell; jew jista' jsir appell għalieħ waħdu minn kull sentenza separata". Fil-każ in eżami, l-appellant, fin-nota tal-appell, preżentata fit-terminu legali wara s-sentenza definittiva, għamel tismija espressa tal-ewwel sentenza tat-13 ta' Ottubru 1952; u għalhekk l-appellant kien in perfetta regola. Għaldaqstant il-Qorti tiċħad dik l-eċċezzjoni minn issa stess; bl-ispejjeż kontra l-attur appellat;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-appellant Costantino Micallef, il-lum mejjet, kien qabbad lill-appellat jagħmillu żewġ mudelli ta' statwi tal-bronż, rappreżentanti San Ġwann Evanġelista u San Pawl rispettivament, biex iservu ta' leġiji għall-presbiterju tal-Knisja Kolleġġjali ta' Birkirkara. L-appellat lesta dik ta' San Ġwann, u dina ġiet approvata u aċċettata, u, għalhekk saret tal-bronż. Iżda meta l-appellat għamel dik ta' San Pawl, biex tkun pariġġ San Ġwann, u wriha lill-appellant, il-mudell tal-istatwa ta' San Pawl ġiet ikkritikata ħafna minn xi nies li rawha, u ma ngħoġbotx lill-appellant; u għalhekk l-appellat irtiraha, u wara ftit żmien għamel oħra tal-ġibs. Meta din tal-aħħar ġiet preżentata u ġiet eżaminata mill-Ġunta Djoċeżana, sew in-nies li rawha kemm l-appellant, u l-Ġunta stess, iddiżapprovawha, u għalhekk l-appellant irrifjutaha. L-appellat għamel kawża lill-appellant, u ppretenda li jitħallas ta' dak il-mudell ta' l-istatwa ta' San Pawl, iżda tilifha bl-ispejjeż, b'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-8 ta' Ottubru 1951. Bdiet allura korrispondenza bejn il-partijiet u l-avukati rispettivi tagħhom, bi trattattivi għal ftehim fuq l-istatwa ta' San Pawl; u spiċċat biex saret kitba b'obligazzjoni, li tinsab eżibita fil-

fol. 12 tal-proċess, u ġġib id-data tas-7 ta' Novembru 1951. B'dik il-kitba ġie miftiehem: —

1. Illi Vincenzo Apap jissottometti lill-Ġunta Djoċeżana, għall-approvazzjoni tagħha, mudell ta' San Pawl, li ma jkunx dak illi fuqu l-Ġunta diġà tat il-parir tagħha; u dan bħala pariġġ ta' San Ġwann li diġà ġie fuż fil-bronż u ta' l-istess daqs tiegħu, biex jiġi fuq il-bronż; u dana fi żmien xahar minn dak inhar;

2. Illi l-Ġunta Djoċeżana għandha tagħti l-ġudizzju tagħha bil-miktub; il-parir tal-Ġunta huwa insindakabbli;

3. Illi tul ġimgħa mid-data illi l-Ġunta tkun tat il-ġudizzju tagħha tal-approvazzjoni, li għandu jiġi kommunikat immedjatament lil Vincenzo Apap, dana jobliga ruħu illi jikkonsenja l-istatwa, ossija mudell, lill-brunżar għall-fużjoni fil-bronż;

4. Illi meta l-istatwa tiġi konsenjata lill-brunżar, Vincenzo Apap ikun eżegwixxa l-ordni lilu magħmul, u għalhekk Costantino Micallef jobliga ruħu illi jħallsu s-somma ta' £125 bħala prezz taż-żewġ mudelli, dak ta' San Ġwann, li jinsab ġa approvat mill-Ġunta Djoċeżana u fuż fil-bronż, u dan ta' San Pawl;

F'dik il-kitba żdiedu żewġ klawsoli li ma jinteressawx il-meritu ta' dil-kawża;

L-appellat, wara dak il-ftehim, ippreżenta l-ewwel mudell oriġinali tal-istukko b'ċerti modifiki u korrezzjonijiet, fosthom x'uħud suġġeriti mill-Ġunta; u l-Ġunta Djoċeżana, wara li eżaminatu, approvat bil-miktub dak il-mudell, li ġie mill-appellat konsenjat lill-brunżar Vincenzo Sammut fil-fonderija. L-appellant, fuq il-kritika ta' ċerti nies li raw dak il-mudell, u li dehrilhom li l-mudell kellu xi difetti, irrifjuta li jaċċettah; u għalhekk saret dil-kawża;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-obligazzjoni bejn il-partijiet hija dik li tirriżulta mil-kitba fuq imsemmija, li huma għamlu u ffirmaw, u biha

jinsabu marbutin. Dak li sar qabel il-kitba u li ma jirriżultax minnha stess, għall-finijiet tal-obligazzjoni, ma għandux *rilevanza*. *U tabilħaqq bejn il-partijiet* ma sarux trattattivi verbali, għax kollox sar bil-korrispondenza. Għalhekk il-Qorti għandha tara jekk l-appellat, meta kkonsenja l-mudell lill-brunżar, u l-mudell ġie approvat bil-miktub mill-Ġunta Djoċeżana, eżegwiex il-parti tiegħu tal-obligazzjoni;

Fil-fatt, huwa ma ppreżentax mudell ġdid, iżda ppreżenta mudell li fuqu l-Ġunta kienet għadha ma tatx ġudizzju. Dana sar fit-terminu ta' xahar; u skond ix-xhieda, il-mudell huwa pariġġ *tal-istatwa ta' San Ġwann li kienet* saret qabel, u approssimattivament tal-istess daqs. L-appellant jippretendi li l-mudell kellu jkun ġdid għal kollox; iżda dina l-kondizzjoni, għalkemm msemmija f'waħda millittri tiegħu, datata 5 ta' Novembru 1951 (dok. fol. 10A), ma ġietx imniżżla fil-kirografu li l-partijiet iffirmaw jumejn wara. Għaldaqstant l-appellant ma jistax jippretendi li l-appellat kien marbut b'dik il-kondizzjoni, u li kellu jippreżenta mudell ġdid għal kollox, u kien biżżejjed li jippreżenta *mudell li fuqu l-Ġunta ma kienetx tat il-ġudizzju* tagħha;

Kwantu mbgħad għall-bwona fede tal-appellat, għandu jingħad li, għalkemm il-mudell kien dak li l-appellant kien ra u ddiżapprova qabel, fil-fatt, wara dik id-diżapprovazzjoni, l-appellat kien ikkoreġa d-difetti li deherlu li kellu jikkoreġi, u għamillu ċerti modifikazzjonijiet li kienu ġew lilu suġġeriti minn xi membru tal-Ġunta, u għalhekk il-mudell ma baqgħax kif kien oriġinarjament; u għaldaqstant l-appellat ma jistax jiġi ritenut li ppreżenta l-identiku mudell bid-difetti li l-appellant kien ikkundanna l-ewwel darba; għax meta mudell jiġi korrett u modifikat, ma jibqax eżattament dak li kien qabel. U ladarba l-Ġunta Djoċeżana approvat dak il-mudell, u l-ġudizzju tal-Ġunta, skond il-ftehim tal-partijiet, kellu jkun insindakabbli, l-appellant ma setax jirrifjuta fuq il-mudell, kemm il-darba ma kellux raġunijiet ġuridikament validi biex iwaq-

qa' dak il-ġudizzju. Kif qalet l-Ewwel Qorti, dawk irraġunijiet jistgħu jkunu biss dawk li għalihom jista' jiġi *annullat* kuntratt jew il-"lodo" ta' arbitru. Ċertament ma jistax jattakka l-ġudizzju tal-Ġunta fuq is-supposta imperizja tagħha, meta huwa stess kien għażel li joqgħod preventivament għal dak il-ġudizzju li preventivament huwa kkunsidra insindakabbli, u b'hekk aċċetta l-grad ta' kapaċità teknika u effiċjenza tagħha;

Lanqas ma jista' l-appellant raġjonevolment isostni li l-Ġunta eżaminat mudell li ma kienx jifforma l-oġġett talftehim li sar bejnu u bejn l-appellat; għax il-Ġunta kellha *teżamina mudell ta' statwa ta' San Pawl pariġġ* oħra ta' San Ġwann u mhux ġa minnha ġudikata; u l-Ġunta ma għamletx ħaġ'oħra ħlief eżaminat u tat il-ġudizzju tagħha fuq mudell ta' statwa ta' San Pawl pariġġ ta' dik ta' San Ġwann u li fuqu ma kienetx tat ġudizzju qabel. U preċiżament għalhekk ma setgħax kien hemm erruri sostanzjali fuq l-oġġett. L-apprezzament tal-Ġunta fuq id-dettalji partikulari, is-sura u l-idea informatriċi tal-mudell, huwa kwistjoni ta' opinjoni u gusti; u għalhekk ma jistax jiġi *kunsidrat* bħala r-riżultat ta' errur sostanzjali, u jinsab protett mill-patt tal-insidakabbilità;

Fl-aħħarnett, l-appellant ma ġieb ebda ombra ta' prova ta' qerq, sew da parti ta' l-appellat kemm da parti tal-Ġunta. U tabilħaqq, ma jirriżultax li l-appellat indaħlilha lill-Ġunta fil-funzjoni ġudikatriċi tagħha, la direttament u lanqas indirettament; u ma jidherx li l-Ġunta mxiet b'anqas indipendenza minn meta preċedentement ikkundannat il-mudell ta' qabel. Lanqas ma jista' jingħad li l-appellat uża *qerq u daħħal il-Ġunta f'errur, meta ssottometta u ppreżenta* l-mudell li kien għamel l-ewwel darba u li ma kienx ingħoġob lill-appellant; għax, kif ġa ġie rilevat, l-appellant ma kiserx b'daqshekk il-ftehim tal-kirografu; u l-modifiki u l-korrezzjonijiet magħmula fil-mudell evidentement alteraw ftit jew wisq l-istess mudell, neħħewlu d-difetti oġġezzjonabbli, u rrendewħ meritevoli tal-approvazzjoni tal-Ġunta Djoċeżana;

Għaldaqstant l-insindakabbilità tal-ġudizzju tal-Ġunta ma tistax, fil-każ preżenti, tiġi attakkata mill-appellant; u dan għandu joqgħod għall-ġudizzju definittiv tal-Ġunta, in forza tal-ftehim preventiv li għamel bil-miktub;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant lanqas ma jista' jikkunsidra l-mudell bħala mhux konformi għall-ftehim għax ma sarx skond id-disinn li huwa kien ta lill-appellat; għax il-ftehim jew diskors preċedenti fuq id-disinn ma ġiex inkluż fil-ftehim tal-kirografu, u l-artista, fl-assenza ta' ftehim preċiż f'sens kuntrarju, mhux obligat jikkopja l-idea ta' ħaddieħor, anzi huma meritu tal-artista li jkun oriġinali fil-kreazzjonijiet artistiċi tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti taqbel mal-Qorti tal-Ewwel Istanza illi ma tammettix il-produzzjoni fil-proċess ta' dokument kontenenti l-ġudizzju privat ta' terza persuna fuq il-mudell in kwistjoni. Li kieku l-Qorti kellha bżonn, għall-finijiet tal-provi, tal-ġudizzju ta' terzi persuni, il-proċedura kienet tkun li tisma dawk in-nies bħala xhieda regolari taħt il-ġurament. Dak id-dokument, għalhekk, ma kellu ebda rilevanza ġuridika, għax bħala prova għall-finijiet tal-kawża ma kien jiswa xejn. U ma kienx ikun jiswa anqas kieku ġie maħluf minn min kitbu; għax il-partijiet kienu obligaw ruħhom preventivament li joqgħodu għall-ġudizzju insindakabbli tal-Ġunta Djoċeżana; u għalhekk "frustra probatur quod probatum non relevat";

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk tal-Ewwel Qorti, il-Qorti tiċħad l-appell tal-konvenut appellant, u tikkonferma ż-żewġ sentenzi appellati; bl-ispejjeż kontra l-appellant, barra dawk ġa deċiżi rigwardanti l-eċċezzjoni tal-attur appellat fuq imsemmija.